MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 190/2010

**AB u BC**
**vs**

**DE**
**u**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Dr. Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud li b'digriet tas-26 ta' Mejju 2010 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-minuri EB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-atturi ippremettew:

Illi minn relazzjoni extra maritali illi l-atturi AB u BC kellhom twieled il-minuri E nhar is- 6 ta’ Frar 2001;

Illi l-minuri EB huwa effettivament il-wild naturali tal-atturi u dana kif ser jirrizulta mis-smiegh ta’ dina l-kawza;

Illi minkejja dan id-Direttur Registru Pubbliku ma kellux triq ohra ghajr li jnizzel lill-minuri bhala wild naturali ta’ DE li minnu l-attrici A B hi legalment separata kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tal-minruri nurmu 660/2001 li qed jigi anness u markat bahla Dokument A.

Talbu li l-intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-minuri E B hu l-wild naturali tar-rikorrent B C u li r-rikorrent BC hu l-missier naturali tal-istess minuri.

2. Konsegwentement tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ihassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tal-imsemmi minuri E B, mill-kolonna li tirrapprezenta isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier il-kliem “*DE (Melbourne Victoria, Australia*)” u minflok jinsereixxi isem u kunjom ir-rikorrent (B C, in-numru tal-karta tal-identita` tar-rikorrent li hu (ID nru. 500571M, il-professjoni jew sengha tar-rikorrent (dizokkupat), l-eta`, il-post tat-twelid (Pieta`) u residenza tar-rikorrent (Marsa) kif ukoll isem (X) u kunjom missier ir-rikorrent (C), u jekk l-imsemmi missieru huwiex haj jew mejjet (haj), u tordna kull modifika ohra in vista tal-ewwel talba u jekk jehtieg, f’kull att iehor relattiv u sussegwenti.

3. Bl-ispejjez kontra l-intimati minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda ta’ l-atturi;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li *n forza* taghha huwa eccepixxa:

1. Illi in vista tal-avviż legali 11 tal-2011 (Dok A), id-disposizzjonjiiet kollha tal-Att XXIII tal-2010 (Dok B) li jemenda il-Kodiċi Ċivili daħlu fis-seħħ fl-14 ta' JAr 2011 u għaldaqstant, b'effett minn dik il-gurnata, azzjoni għal dikjarazzjoni ta' paternità tista tiġi eżerċitata minn kull min jgħid li huwa l-missier naturali ta' tarbija mwielda fiż-żwieġ kif ukoll mill-omm ta' tarbija hekk mwielda fiż-żwieġ *ai termni* tal-**artikoli 77A u 77B** rispettivi **tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**.

2. Illi *ciononostante*, peress li għaddew iktar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri E, din l-azzjoni kellha tkun preċeduta minn rikors quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) *ai termini* tal-**artikolu 77Ċ tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** sabiex, wara li din l-Onorabbli Qorti tkun semgħet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-minuri E, tinkiseb l-awtorizzazzjoni mill-istess Qorti għal-proċediment tal-azzjoni odjerna.

3. Illli bla ebda preġudizzju għas-suespost, fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternità tal-minuri E B, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, għalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha involuti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-**Artikolu 77D tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

4. Illi bla ħsara għal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti jridu jippruvaw li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal- minuri E, ir-rikorrenti A B kienet wettqet adulterju mar-rikorrenti B C u barra minn hekk jippruvaw xi fatt ieħor li jistà wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi li jindikaw lill-B C u/jew jeskludu lir-raġel tar-rikorrenti D E bħala l-missier naturali tal-imsemmi minuri E, u dan *ai termini* tal-**artikoli 77A u 77B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**.

5. Illi, dejjem mingħajr preġudizzju għal premess, ir-rikorrenti jridu fl-istess waqt jegħlbu l-presunzjoni legali maħluqa bis-saħħa tal-**Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** billi adegwatament u konvinċentement juru li l-pussess ta' stat tal-minuri E B ma jaqbilx mal-att tat-twelid tiegħu;

6. Illi subordinatament dejjem bla ħsara għal dak fuq imsemmi, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet '*the said*' li jinsabu qabel isem D E, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm għandhom ukoll jiġu kkanċellati mill-Att tat-Twelid bin-numru tar-reġistrazzjoni 660 tas-sena 2001;

7. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba ta' denegata paternita' *stante* li l-attrici tikkontendi li ghalkemm il-minuri E B twieled fiz-zwieg u ghalhekk, gie mnizzel fic-certifikat

tat-twelid tieghu li huwa l-wild naturali tal-intimat D E, fil-fatt, l-istess minuri huwa l-wild naturali tal-attur l-iehor B C u ghalhekk l-atturi talbu lill-Qorti sabiex tordna l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tal-minuri sabiex dan jibda jirrispekkja l-verita' tal-identita' tal-missier naturali tieghu.

**Il-Mertu tal-Kaz**

Il-Qorti tirrileva li dwar is-separazzjoni legali ta' bejn l-attrici u l-intimat D B, ma ngabet ebda prova ghajr ghall-affidavit tal-attrici stess fejn tiddikjara li ilha separata minn ma' zewgha l-intimat D E sa' mis-sena 2004. Dan m'ghandu ebda rilevanza ghall-kawza odjerna, *stante* li l-minuri E twieled fis-sena 2001 u cioe' meta l-attrici u l-istess intimat kienu ghadhom legalment mizzewgin. Dan necessarjament ifisser li l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ma kellu ebda alternattiva hlief li jnizzel lil dan il-minuri bhala l-wild naturali tal-attrici u l-intimat D E u dan *ai termini* tal-presunzjoni legali li tohrog mill-ligi stess, precizament f'Artikolu 81 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-attrici, permezz tal-affidavit taghha, tghid li l-intimat zewgha D E hareg mid-dar matrimonjali fis-sena 1994 u qatt ma rega' dahal lura[1]. Hi tikkontendi wkoll li miz-zmien li l-istess intimat hareg mid-dar sakemm finalment isseparaw fis-sena 2004 huma qatt ma kellhom relazzjonijiet intimi u ghalhekk, m'hemm ebda possibilita' li l-minuri huwa l-wild natural ital-istess intimat D E.  L-atturi jghidu li frott tar-relazzjoni taghhom twieled il-minuri E u huwa proprju ghalhekk li qieghdin jitolbu li c-certifikat tat-twelid tal-minuri jibda jirrispekkja l-verita'.

L-intimat D E, ghalkemm debitament notifikat bil-kawza odjerna, baqa' ma intavola ebda risposta guramentata u ghalhekk huwa kontumaci f'dawn il-proceduri.

**Dwar l-eccezzjonijiet imressqa mid-Direttur tar-Registru Pubbliku**

[1] Ara a fol 31 tal-process

Illi jidher li t-tieni eccezzjoni tal-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku giet sorvolata permezz ta' rikors li gie intavolat nhar l-20 ta' Marzu 2012, ghal-liema rikors, id-Direttur tar-Registru Pubbliku irrimetta ruhu ghas-savju gudizzju ta' din il-Qorti u dan kif jirrizulta ahjar mir-risposta tieghu esebita a fol 57 tal-process.

Illi dwar it-tielet eccezzjoni tal-istess Direttur tar-Registru Pubbliku, il-Qorti tirrileva li, dwar il-paternita' tal-minuri, hemm prova sufficjenti *ai termini* tal-Artikolu 77(b) tal-Kap 16 li l-istess minuri huwa verament il-wild naturali tal-attur BC u dan kif jirrizulta ahjar mid-DNA *test*[2] ipprezentat in atti.

Illi in vista tax-xhieda prodotta, in vista tad-dikjarazzjoni guramentata maghmula mill-attur stess u in vista tad-*DNA test,* li ma jhalli ebda ombra ta' dubju dwar il-paternita' tal-istess minuri, il-Qorti hija konvinta li jezistu dawk l-elementi necessarji sabiex jigi applikat l-Artikolu 77(b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement:

(1) Tiddikjara li l-minuri E B huwa l-wild naturali ta' B C u li l-istess B C hu l-missier naturali tal-istess minuri;
(2) Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex ihassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri E B mill-kolonna li tirrapprezenta isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier il-kliem 'D B' [Melbourne Victoria, Australia] u minflok jinserixxi isem u kunjom 'B C', numru tal-karta tal-identita' numru 500571M, dizokkupat, l-eta' tieghu, bil-post tat-twelid Pieta' u residenti l-Marsa, iben Carmelo C bil-konnotati tieghu inkluzi dawk id-dettalji dwar il-genituri tieghu. Il-Qorti tordna ukoll illi l-kliem "the said", li jinsabu qabel l-isem D B, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikat it-taghrif dwar l-omm ghandhom jigu ukoll ikkancellati mill-Att tat-Twelid bin-numru tar-Registrazzjoni 660 tas-sena 2011.

---

[2] Ara a fol 33 tal-process

Bl-ispejjez kontra l-atturi fi kwoti indaqs bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------